TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 387/10

**Catherine Ebejer**
**vs**
**Melita plc**

Illum 28 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-11 t'Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet kumpens għad-danni morali li sofriet talli ma ngħatatx servizz tajjeb mingħand is-soċjeta' intimata.

Is-soċjeta' intimata pprezentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet tmur fil-post tal-villeġġatura fis-Sajf u kienet tagħmel użu mis-servizz tat-televiżjoni matul ix-xhur tas-Sajf. Ġara li fis-Sajf tal-2010, riedet li jerġa' jkollha s-servizz tat-televiżjoni, pero' ġiet infurmatha li jekk ma tħallasx il-kont ma kinux ser jagħtuha s-servizz.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi huwa minnu li kellha xi kont pendenti u għalhekk ma tawhiex is-servizz tas-Sajf. Pero' jidher illi l-kwistjoni llum hija solvuta billi l-ammont pendenti ġie rifuż lir-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi għalkemm hija solvuta llum, is-soċjeta' intimata għandha tkun aktar konsapevoli għall-bżonnijiet tal-konsumatur u f'dan il-każ ma kienx hekk. Madankollu t-Tribunal m'għandux danni x'jagħti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888